**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 14/IX/2025**

**Il-Ġimgħa, 22 t'Awwissu, 2025 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Skużat:**
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku

**Assenti:**
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**14.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**14.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

14.2.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru skużat.

**14.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

14.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 13 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

14.3.2 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

14.3.3 Il-membru Debrincat ġibed l-attenzjoni u qal li tkellem mal-avukat tiegħu fir-rigward tal-kwistjoni tal-membru Buttigieg. L-avukat ta' Debrincat tkellem ma' l-avukat ta' Buttigieg u dawn ftehmu li l-membru Buttigieg għandu jiskuża ruħu u jaqra dikjarazzjoni f'din il-laqgħa. Il-membru Debrincat tenna li jekk Buttigieg ma jattendix din il-laqgħa u ma tinqarax id-dikjarazzjoni, ma jkollux triq oħra għajr li jkompli bil-proċeduri legali.

14.3.4 Is-Sindku qal li kieku ntwera ftit bwonsens u rieda tajba minn naħa tal-membru Buttigieg, il-kwistjoni ma kinitx titwal hekk, anke' peress li minn naħa tal-membru Debrincat kien hemm din ix-xewqa. Tenna li hu wkoll kien jirreċiproka f'dan il-mod, pero' la ma ntwerietx rieda tajba, il-Kunsill ikollu jipproċedi bil-Bord tal-Governanza kif diġa' maqbul fil-laqgħa li għaddiet.

14.3.5 Il-minuti ġew approvati.

**14.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

14.4.1 Dwar iż-żjara li se ssir f'Jerez de la Frontera fi Spanja, is-Sindku qal li l-Lead Partner minn Spanja, l-Assoċjazzjoni Kulturali ta' Ateneo de Jerez kisbet l-fondi għal proġett *Town Twinning* taħt il-programm *"Citizenship, Equality Rights and Values" (CERV)* tal-Unjoni Ewropeja, li pero' ma jippermettix li jingħata pagament *pre-financing* minn qabel, u għaldaqstant qed jiġi ssuġġerit li l-Kunsill iħallas it-titjiriet u l-ispejjeż tal-parteċipanti Rabtin kollha, u mbagħad wara li jsir il-proġett, il-Kunsill jiġi rifondut lura mill-Lead Partner minn Jerez de la Frontiera. Għandu wkoll isir ftehim bil-miktub mal-Lead Partner tal-Proġett rigward dan. Il-membri qablu.

14.4.2 Dwar il-ktieb poetiku li ser isir minn Reġjun Għawdex, il-Kunsill ħareġ sejħa ta' interess, pero' ħadd ma ssottometta l-interess. Is-Sindku qal li kkomunika ma' Joseph W. Psaila u aċċetta li jikteb din il-poeżija. Filfatt ressaq poeżija sabiħa mmens fuq ir-Rabat bl-isem ta' 'Nomen Omen'.

14.4.3 Is-Sindku qal li kellu laqgħa maċ-ċermen il-ġdid tal- Gozo Regional Development Authority (GRDA) fejn ġie mgħarraf li din l-awtorita' ser taħdem fuq studju komprensiv fuq it-traffiku u l-mobbilità' fir-Rabat. Dan ser isir minn esperti kwalitifikati f'dan il-qasam.

---

Daħlet il-membru Abela għall-laqgħa.

---

**14.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

14.5.1 Reġjun Għawdex rigward Malta's Sustainable Development Action Days 2025: Your Actions, Our Future!;

l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward:-

14.5.2 appell 00244/25 fuq PA/08292/21 - proposed change of use from social club (KU Club), to a Class 2A residential institutiton;

14.5.3 laqgħa informattiva dwar PA 3000/19 - site at Triq il-Kapuċċini, Triq ir-Rabat, Triq Patri Giaċintu Camenzuli, Triq Viani, Victoria, Xagħra, Triq Marsalforn, Żebbuġ (Gozo). Il-Perit tal-Kunsill attenda għal din il-laqgħa u għarraf lill-Kunsill li l-punti mressqa kienu jikkonċernaw lill-Kunsill taż-Żebbuġ;

14.5.4 l-'Active Ageing Unit' rigward in-nominazzjonijiet għall-Premju Anzjanità Attiva 2025;

14.5.5 il-WasteServ rigward il-'European Week for Waste Reduction' li se ssir bejn it-22 u t-30 ta' Novembru 2025;

14.5.6 il-kuntrattur li kien jipprovdi s-servizz lill-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali rigward il-kontroll tal-ħamiem. Il-Kunsill kien staqsa jekk dan għadux joffri l-istess prezzijiet. Il-kuntrattur qal li l-prezzijiet żdiedu b'25%;

14.5.7 Carmelo Galea & Associates li kitbu għan-nom ta' persuna li kellha inċident fi Triq San Duminku fejn qed isiru xogħolijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Il-Kunsill irrisponda li m'għandux konnessjoni max-xogħolijiet li qed isiru w għaldaqstant ma jistax jassumi r-responsabbiltà' tal-inċident;

14.5.8 il-Maltapost fejn talbet post alternattiv sabiex tirreloka *letterbox* li tinsab fi Triq Ġuże' Ellul Mercer kantuniera ma' Triq it-Tabib Anton Tabone. Dan peress li ser jitwaqqa l-post ta' fejn tinsab din il-letterbox. Il-membri qablu li l-Maltapost għandha tara hi fejn hu l-aħjar post li titpoġġa din il-*letterbox*;

14.5.9 sid ta' blokk bini fi Triq Gedrin li talab biex issir bankina ġdida. Billi Triq Gedrin hi arterja, saret it-talba lill-Gvern Ċentrali biex issir il-bankina;

14.5.10 sid 'Casa Giuseppe', dar tal-anzjani li nfetħet f'dawn il-ġranet fi Triq Fortunato Mizzi. Il-Kunsill intalab japprova l-installazzjoni ta'*planter* quddiem din id-dar. Il-Kunsill ma jsibx oġġezjoni dment li l-bankina tkun aċċessibbli dejjem u li l-bankina fejn hemm il-*planter* tibqa pubblika.

**14.6 Immaniġjar tat-traffiku**

Transport Malta (TM) ħarġet il-permess għall-

14.6.1 *keep clear bay* quddiem 'City Fuel Station' fi Triq Sant Ursola;

14.6.2 *traffic calming measures* permess ta' *bollards* tal-plastik fi Triq Għajn Qatet fl-*area* ta' wara l-isptar;

14.6.3 tabella tal-*un/loading* u t-tkabbir tal-*un/loading bay* eżistenti quddiem 'Raindrops' f'Qasam San Ġorġ;

14.6.4 kaxxa safra u rampa quddiem il-garaxx ta' 56, Triq Sir Luigi Camilleri;

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex:-

14.6.5 issir *Stop sign* fi Triq Michele Busuttil kantuniera ma' Triq Wied Seqer;

14.6.6 titneħħa l-kaxxa tal-persuni b'diżabilità li hemm quddiem t'Olimpia fi Triq Repubblika. Dan peress li m'hi assenjata lil ħadd u anke' minħabba li fi Triq Repubblika stess għadha kif saret *communal parking bay* għall-persuni b'diżabilita' ftit l-isfel.

**14.7 *Playing Field – update***

14.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-preparamenti fir-rigward tal-BOQs daqt jiġi konkluż. Il-Perit lesta x-xogħol tiegħu u l-Enġinier qed jikkonkludi.

14.7.2 Il-membri qablu li malli l-BOQs ikunu lesti, il-Kunsill għandu japplika għall-fondi mid-*Development Planning Fund* fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar.

**14.8 Pjazza Santu Wistin – *update***

14.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret il-laqgħa mas-Sovrintendenza għall-Patrimonju Kulturali (SCH Malta) li fiha attenda is-Supretendent. F'din il-laqgħa il-Perit Scerri għamel preżentazzjoni fejn spjega dettalji li jistgħu jikkonċernaw l-arkeoloġija tas-sit.

14.8.2 Intalbu t-*Terms of Reference* (TORs) mingħand l-SCH sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel l-investigazzjoni arkeoloġika qabel jintalbu l-permessi neċessarji li jkopru dan il-proġett.

14.8.3 It-TORs inħarġu mill-SCH u l-Perit ħejja l-kundizzjonijiet speċifiċi sabiex tinħareġ l-offerta għal evalwazzjoni arkeoloġika.

14.8.4 Il-membri qablu li tinħareġ l-offerta.

**14.9 Attivita' fi Pjazza Inidipendenza u *Car Free Day* – Settembru 2025**

14.9.1 Il-membri qablu li terġa tiġi organizzata l-attività 'Kids in the City' fi Pjazza Indipendenza nhar il-Ħadd, 28 ta' Settembru, 2025, bejn id-09:00 u l-17:00.

14.9.2 Fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu ser ikun hemm wirja ta' vetturi antiki tal-militar b'kollaborazzjoni tal-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki. Din minn salib it-toroq sa Pjazza Indipendenza.

14.9.3 Fi Pjazza Savina il-membri qablu li jkun hemm lok fejn ikun hemm attivitajiet għat-tfal bir-roti.

14.9.4 Il-membri qablu li għall-attività li jmiss għandu jiġi kkunsidrat li jiġu nvoluti l-Victoria Scout Group.

14.9.5 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Gozo Regional Development Authority (GRDA) wriet interess li tgħin f'din l-attivita'u anke' ssir il-*car free day* f'din il-ġurnata ġewwa r-Rabat, pero' rriżulta li fl-istess ġurnata ser ikun hemm attivita' oħra sponsorjata mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar fir-raħal tal-Għarb. Minn naħa tal-GRDA ma jistgħux joffru l-għajnuna tagħhom għal 'Kids in the Cit'y li se ssir f'Settembru peress li l-*Events Coordinator* fi ħdan il-Ministeru qalet li mhux vijabbli li l-*car free day* fir-Rabat issir ġimgħa wara d-data li suppost li hi t-22 ta' Settembru u li lanqas hu vijabbli li l-Ministeru jgħin żewġ attivitajiet li se jsriu fl-

istess ħin u li huma mmirati lejn l-istess udjenza. Minn naħa tal-GRDA lesti li jikkollaboraw mal-Kunsill f'attivitajiet oħra fil-ġejjieni.

**14.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

13.10.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Settembru 2025, skont dokument A anness.

**14.11 Xogħolijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

14.11.1 f'Diċembru 2025, jiġi organizzat *weekend break* kulturali f'Malta għar-residenti;

14.11.2 terġa tiġi organizzata ħarġa f'Għawdex ta' ġurnata lill-anzjani Rabtin;

14.11.3 it-toroq taċ-ċentru tar-Rabat jiġu mbexxa kontra l-wirdien;

14.11.4 wara li nġabru stimi ta' x'bankijiet hawn fis-suq, il-membri qablu li jinxtraw erba' bankijiet ġodda għal maġenb il-Banca Giuratale mingħand Anton Zarb;

14.11.5 l-kuntratt il-ġdid tat-tindif tal-latrini jibda mill-1 ta' Settembru 2025. Dan wara li għadda ż-żmien tal-appell;

14.11.6 l-offerta għat-tindif tat-toroq tingħata lill-kuntrattur MJ kif ġie suġġerit mill-bord tal-evalwazzjoni;

**14.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-11:00 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tlieta, 30 ta' Settembru, 2025.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi<br>Sindku | Miriam Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |